

Brussell, 17 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

13635/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0129 (COD)**

---

---

**CODEC 1466  
PI 175  
PHARM 137**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar il-liċenzjar obbligatorju għall-immaniġġjar tal-kriżijiet u li jemenda r-Regolament (KE) 816/2006 **(l-ewwel qari)**  
- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

1. Fis-27 ta' April 2023, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikoli 114 u 207 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Settembru 2023<sup>2</sup>.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-13 ta' Marzu 2024<sup>3</sup>.
4. Fit-13 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi dwar ir-Regolament<sup>4</sup> imsemmi hawn fuq, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

---

<sup>1</sup> 8901/23 + ADD 1 sa 5.

<sup>2</sup> ĠU C, C/2023/865, 8.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/865/oj>

<sup>3</sup> 10634/24.

<sup>4</sup> 9765/25.

5. Fl-24 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew (JURI) ikkonferma l-qbil proviżorju. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi<sup>5</sup>.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 10498/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 10498/25 ADD 1, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

---

---

<sup>5</sup> 11109/25.